# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 73/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Joseph Borg**

iben Gaetano, imwieled Pieta', fl-1 ta' Ottubru, 1947, detentur tal-karta tal-identita' numru 951147(M)

Illum 12 ta' Gunju, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Joseph Borg quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fis-17 ta' Diċembru, 2009 ġewwa l-Pieta', wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tal-Pulizija f'garaxx li jinstab fi Triq Ferro Schinas, Pieta' ta' l-istess Joseph Borg:

(a) xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew laqa għandu, żamm jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam billi għin jew assita fil-ġarr, twarrib, ħabi jew despost ta' sigaretti u tabakk bla

dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti u tabakk: -

- Kaxxa b'7 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Manchester;
- 45 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Richman;
- 53 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans Red;
- 45 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans Blue;
- 2 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Silcut Purple;
- 2 kartuniet b'400 sigarett kull kartuna Super Kings Blue;
- 2 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Benson & Hedges;
- Kaxxa b'1000 sigarett Benson & Hedges

- 5 pakketti b'5 pouches b'50g kull pouch Drum Original Smoking Tobacco;
- Pakkett, b'5 pouches b'50g kull pouch Drum Bright Blue Smoking Tobacco;
- 15-il pouch b'50g kull pouch Golden Virginia Hand Rolling Tobacco.

Dawn is-sigaretti u tabbak, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti u jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' €992.37, Dazju tas-Sisa dovut ta' €4128.33, kif ukoll Dazju ta' importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €579.74 u €1026.08 rispettivament, fejn liema Dazju u Taxxa ma kienux ġew imħallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur tal-artikli:

i) 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso l-Artiklu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u

ii) Kif ukoll artikli 16(1)(j), 16(3), 17(a), Regolament 7 tat-Taqsima C fis-sitt Skeda, ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382, tal-Liġijiet ta' Malta.

Tressaq ukoll fuq talba tal-Kummissarju tal-VAT:

Talli fis-17 ta' Diċembru, 2009 ġewwa l-Pieta', wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tal-Pulizija f'garaxx li jinstab fi Triq Ferro Schinas, Pieta' ta' l-istess Joseph borg:

(b) xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew laqa għandu, żamm jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam billi għin jew assita fil-ġarr, twarrib, ħabi jew despost ta' sigaretti u tabakk bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti u tabakk: -

- Kaxxa b'7 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Manchester;
- 45 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Richman;
- 53 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans Red;
- 45 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans Blue;
- 2 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Silcut Purple;
- 2 kartuniet b'400 sigarett kull kartuna Super Kings Blue;
- 2 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Benson & Hedges;
- Kaxxa b'1000 sigarett Benson & Hedges

- 5 pakketti b'5 pouches b'50g kull pouch Drum Original Smoking Tobacco;
- Pakkett, b'5 pouches b'50g kull pouch Drum Bright Blue Smoking Tobacco;
- 15-il pouch b'50g kull pouch Golden Virginia Hand Rolling Tobacco.

Dawn is-sigaretti u tabbak, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti ujew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' €992.37, Dazju tas-Sisa dovut ta' €4128.33, kif ukoll Dazju ta' importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €579.74 u €1026.08 rispettivament, fejn liema taxxa fuq il-valur miżjud ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 tal-l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti/periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u kif ukoll l-Artikolu 16 (1) (j), 16 (3), 17 (a), Regolament tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda ta' l-Att gwar id-Dazju tas-Sisa Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 (b) tal-Kap 9, sabet lill-imputat ħati u kkundannatu multa komplessiva ta' €12,965 li minnhom terz ossia l-ammont ta' €4321.66 huma dejn ċivili pagabbli lid-Direttur Generali tad-Dwana. Ikkundannatu wkoll sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena u ordna il-konfiska tal-oġġetti maqbuda.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fit-3 ta' Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontriħ; tikkonferma l-imposizzjoni tal-piena ta' priġunerija sospiza kif imposta u l-ordni tal-konfiska; filwaqt illi tirrevoka fil-bqija fis-sens illi ssib ħtija wkoll fir-rigward tal-akkuża mitluba mill-Kummissarju tal-VAT;u tirriforma l-piena imposta senjatament il-multa u konsegwenzjalment id-dejn ċivili paggabli favur il-Kontrollur illum Direttur Ġenerali (Dwana),

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi preliminarjament jingħad illi dan l-appell ma jittrattax il-fatt li l-ewwel Qorti m'applikatx l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba l-fatt li differenti minn dak dispost f'din id-disposizzjoni dawn il-proċedimenti jirrekjedu l-*letter to prosecute* kemm tal-kontrollur tad-dwana kif ukoll tal-Kummissarju tal-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT). Kwindi dawn mhumiex proċedimenti li jistgħu isiru *ex officio* kif titlob il-liġi ai fini tal-

applikabbilta' tal-artikolu 533. Apparti minn hekk ma jidhirx illi saret xi inkjesta jew inħatru xi periti jew esperti biex jaqdu xi inkarigu li għalihom kellhom jitħallsu. Filwaqt li kien ikun opportun li l-ewwel qorti ppronunzjat ruħha f'dan is-sens in-nuqqas tal-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali mhux qed jiġi kkontestat f'dan l-appell.

Illi preliminarjament ukoll jingħad u jiġi ppuntwalizzat għal kull buon fini li meta l-ewwel Qorti ġiet biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha erronjament indikat kejl żbaljat meta ddikjarat is-segwenti:

*'L-oġġetti konċernati jikkonsistu f'156 kartuna tas-sigaretti ta' marki varji, f'kaxxa b'1000 sigarett Benson & Hedges u 45 borża (pouches) ta' tabakk ta' kejl totali ta' 150 gramma.'*

In vista tal-fatt li skond dak ravviżat fl-akkużi kif ikkonfermat mill-ittra mibgħuta mill-Kontrollur tad-Dwana ai fini ta' prosekuzzjoni ta' dan il-każ, kien hemm 45 boroż ta' 50 gramma l-waħda, meta dawn jiġu kkomputati fit-totalita', iwasslu għall-kejl globali ta' 2,250 gramma u mhux 150 gramma kif erronjament indikat il-Qorti. Dan evidentement kien *lapsus calami* u ma jbiddel xejn mill-akkużi kif miġjuba jew mill-validita' tal-proċeduri, iżda tajjeb għal kull buon fini li dan il-punt jiġi ċċarat ukoll.

Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, fl-ewwel lok jinhad illi l-Qorti kienet żbaljata meta ma kkkomuputatx il-ħtija fir-rigward tal-akkużat maħruġin fuq talba tal-Kummissarju tad-dipartiment tal-VAT u dan sempliċiment minħabba l-fatt li differenti minn dak sottomess mill-ewwel Qorti l-*letter to prosecute* mid-Dipartiment tal-VAT tinstab fl-atti senjatament a folio 23. Jidher ukoll mill-verbal datat it-18 ta' Ottubru 2011 li dan id-dokument filfatt ġie eżebit u ġie maħluf u kkonfermat minn Paul Scicluna għan-nom u in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-VAT u liema dokument jinstab eżebit a folio JM fl-istess proċess. Kwindi in vista tal-fatt li din kienet l-uniku raġuni għalfejn il-Qorti ma kkunsidratx dawn l-akkużi u in vista wkoll tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-akkużat, ma teżisti l-ebda raġuni għalfejn dawn l-akkużi ma kellhomx jitqiesu wkoll u għaldaqstant kellhom jingħataw l-konsiderazzjoni xierqa u kif titlob il-liġi.

Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għal kull buon fini jingħad ukoll illi s-sejbien ta' ħtija tal-akkuża maħruġa fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana twassal għas-sejbien ta' ħtija awtomatika tal-akkuża konċernanti l-evażjoni tat-taxxa fuq il-Valur Miżjud u dan ai termini tal-artikolu 80(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmel referenża għall-artikolu 62 tal-Kapitolu 37.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, jingħad illi skont l-Ordinanza tad-Dwana, fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija f'xi waħda jew iktar miċ-ċirkostanżi msemmija fl-artikolu 62 tal-Ordinanża tad-Dwana (Kapitolu 37), kif inhu l-każ f'din il-proċedura, il-piena erogata mill-liġi tammonta għal *'multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgħa u tletin ċentezmu (582.34),*skont *liema hija l-ikbar, hekk li* terz *minn dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn; u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u* skont *id-disposizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi..'*

Illi in oltre skont il-paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 li filfatt ikompli mad-disposizzjoni kif hawn fuq ikkwotata jingħad illi :

*'(a) meta l-oġġetti li dwarhom ikunu saru proċedimenti kontra l-ħati ikunu xi oġġetti minn dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza l-piena ta' priġunerija hawnhekk preskritta* ***għandha tapplika f'kull każ****;'*

L-iskeda msemmija hija s-segwenti:

*SKEDA*
*(Artikolu 62)*

*1.* ***Tabakk.***
*2. Inbejjed u spirti.*
*3. Armi tan-nar.*

*4. Munizzjon.*

Illi in sostenn ta' dak hawn fuq espost jingħad ukoll li fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 37 insibu d-definiżżjoni ta "dazju" li tfisser *kull dazju li jitħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq oġġetti importati u tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra dazju ta' kumpens u dazju tas-sisa.*

Illi allura in konsiderazzjoni tad-diċitura ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana jingħad illi apparti l-piena ta' priġunerija li ġiet imposta u l-konfiska li ġiet ordnata wkoll, il-qorti kienet errata meta ġiet biex tikkomputa' l-multa u dan peress li kellha tapplika kemm id-dażju ta' importazzjoni kif ukoll id-dazju tas-sisa għal tliet darbiet kull waħda. Għaldaqstant peress li d-dazju tal-importazzjoni ammontanti għal ħames mija disgħa u sebgħin Euro punt erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€579.74) meta tripplikat jammonta għal elf seba' mija disa u tletin Euro punt tnejn u għoxrin ċentezmu (€1,739.22) u d-dazju tas-sisa ammontanti għal erbat elef mija tmienja u għoxrin Euro punt tlieta u tletin ċenteżmu (€4,128.33) meta tripplikat jammonta għal tnax il-elf tlett mija erbgħa u tmenin Euro punt disgħa u desgħin ċenteżmu (€12,384.99), l-ammont globali li kellu jiġi mmultat kellu jkun ta' erbatax il-elf mija erbgħa u għoxrin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€14,124.21) u mhux ta' tnax il-elf disa' mija ħamsa u sittin elf Euro (€12,965) kif filfatt ġew imposti mill-ewwel Qorti.

Illi konsegwenzjalment id-dejn ċivili li għandu jmur favur il-Kontrollur jew id-Direttur Ġenerali tad-Dwana għandu jiġi kkomputat fuq il-valur ta' erbatax il-elf mija erbgħa u għoxrin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€14,124.21) u li kwindi jammonta għal erbat elef seba' mija u tmien euro u seba' ċenteżmu (€4,708.07).

Illi jingħad ukoll għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju li l-Qorti m'applikatx u lanqas ma setgħet tapplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li l-artikolu 87 tal-istess Ordinanża tad-Dwana tinqara f'dan is-sens:

87. Id-disposizzjoniiiet ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-Att dwar il-Probation ma japplikaw għal ebda reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha.

Finalment u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, u fid-dawl tal-ewwel aggravju imqajjem b'dan l-appell, jingħad għal kull buon fini li l-pieni erogati għal ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huma koperti mill-piena imposta ta' priġunerija sospiza kif imposta mill-ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Jekk wieħed jissentetizza r-rikors tal-Appell tal-Avukat Ġenerali għandhom jidhru il-punti:

1) Li l-Avukat Ġenerali jippuntwalizza dwar l-ammont ta' grammi tat-tabakk (fol 37 tal-proċess)
2) Li l-Avukat Ġenerali jqis li l-multa inflitta mhux dik li titlob il-liġi u li konsegwentement ukoll l-ammont ta' dejn ċivili huwa indikat ħażin.
3) Li l-imputat kellu wkoll jinsab ħati tal-akkuża dwar li ma kienx ħallas il-VAT dovut skont l-Artikolu 80 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud.
4) Iqis li l-pieni erogati għall-ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huma koperti mill-piena ta' priġunerija sospiża kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati ( Fol 46 tal-proċess)

Il-Qorti ser tqis dawn l-erba' punti wieħed wara l-ieħor.

1) Puntwalizzazzjoni dwar l-ammont ta'grammi a fol 37. Fis-sentenza l-ammont muri huwa 150 gramma iżsda jekk jinħadem l-ammont skont dak indikat fil-letter to prosecute, dan għandu jkun 2250 gramma - (5x5x50 =1250,5x50=250;15x50=750 – Total 2250).
2) Żball fl-ammont ta' multa : L-Avukat Ġenerali għandu raġun wkoll għaliex jekk wieħed jimmoltiplika bi tlieta:
   i) L-ammont ta' Dażju tas-Sisa €4128.33x3- L-ammont tal-multa fuq is-SISA għandu jkun €12,384.99.
   ii) L-ammont ta' Dazju ta' importazzjoni €579.44x3-L-ammont tal-multa fuq id-dazju ta' importazzjoni għandu jkun €1,739.22.

Għaldaqstant l-ammont totali tal-multa għandu jkun **€14,124.21 .**

Isegwi wkoll li l-ammont tad-dejn Ċivili għandu jkun **€4708.07** u mhux €4321.66.

3) A folio 37 tal-proċess l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tgħid li '*U hemm dovut VAT li stante l-proċeduri fuq dan ma ġewx sanzjonati mill-Kummissajru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud , il-proċediment relattiv ta' din it-taxxa mhux prosegwibbli'*.

   Effettivament il-*letter to Prosecute* tinsab a folio 23 tal-proċess u l-ammont indikat għal VAT huwa dak ta' €1026.08.

4) Ġaladarba l-imputat għamel ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha ġaladarba l-letter to prosecute ġiet ippreżentata mill-Kummissarju tal-VAT isegwi li l-imputat għandu jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni wkoll. Għalhek dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jintlaqa'.

Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi qed tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih. Tikkonferma wkoll f'dik il-parti fejn imponiet piena ta' priġunerija sospiża u cioe' sitt xhur sospiżi għal sena u l-ordni tal-konfiska tal-oggetti ezebiti. Tirrevokha f'dik il-parti fejn intqal li l-proċeduri fuq il-VAT ma ġewx sanzjonati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u għalhekk il-proċediment

relattiv għal din it-taxxa mhux prosegwibbli u minflok qed issib l-appellat ħati tal-imputazjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-VAT għaliex il-Letter to Prosecute kienet ippreżentata ( Fol 23 tal-proċess) u fl-aħħarnett qed tirrevokha wkoll fejn inflliġġiet multa kumplessiva ta' €12,965 b'terz minnu meqjus bħala dejn ċivili fl-ammont ta' €4,321.66 u minflok tinfliġġi multa kumplessiva ta' €14, 124.21 u d-dejn ċivili jammonta għal €4,708.07.